In-Norveġja	Bayer Schering Pharma AG Müllerstrasse 170-178 DE-13342 Berlin-Wedding Germany	Magnevist	469 mg/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini

<u>Stat Membru EU/EEA</u>	<u>Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq</u>	<u>Isem Ivvinat</u>	<u>Qawwa</u>	<u>Għamla Farmaċewtika</u>	<u>Mnien jingħata</u>
In-Norveġja	Bracco S.p.A. Via Emilio Folli, 50 20134 Milano Italy	MultiHance	334 mg/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini
In-Norveġja	Bayer Schering Pharma AG Müllerstrasse 170-178 DE-13342 Berlin-Wedding Germany	Primovist	0,25 mmol/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini
In-Norveġja	Bracco International B.V Strawinskyalaan 3051 NL-1077 ZX Amsterdam Netherlands	Prohance	279,3 mg/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini
In-Norveġja	Bayer Schering Pharma AG Müllerstrasse 170-178 DE-13342 Berlin-Wedding Germany	Gadovist	1 mmol/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini
In-Norveġja	GE Healthcare AS Nycoveien 1-2 4220 Nydalen, Oslo N-0401 Norway	Omniscan	0,5 mmol/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini
Il-Polonja	GE Healthcare AS Nycoveien 1-2 P.O. Box 4220 Nydalen, Oslo NO-0401 Norway	Omniscan	0,5 mmol/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini
Il-Polonja	Bracco Imaging Deutschland GmbH Max-Stromeyer-Str. 116 D-78467 Konstanz Germany	ProHance	279,3 mg/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini

<u>Stat Membru EU/EEA</u>	<u>Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq</u>	<u>Isem Ivvinat</u>	<u>Qawwa</u>	<u>Għamla Farmaċewtika</u>	<u>Mnien jingħata</u>
Il-Polonja	Bayer Schering Pharma AG D-13342 Berlin Germany	Gadovist 1,0	604,72 mg/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini
Il-Polonja	Bayer Schering Pharma AG D-13342 Berlin Germany	Magnevist	469 mg/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini
Il-Polonja	Bracco ALTANA Pharma GmbH Max-Stromeyer-Str. 116 78467 Konstanz Germany	Multihance	529 mg/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini
Il-Polonja	Bayer Schering Pharma AG D-13342 Berlin Germany	Primovist	0,25 mmol/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini
Il-Portugall	Bayer Portugal S.A. Rua Quinta do Pinheiro, 5 2794-003 Carnaxide Portugal	Primovist	0.25 mmol/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini
Il-Portugall	Bayer Portugal S.A. Rua Quinta Pinheiro, 5, 2794-003 Carnaxide Portugal	Primovist	0.25 mmol/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni, siringa mimlija għal-lest	Użu għal ġol-vini
Il-Portugall	Lusal - Produção Químico-Farmacêutica Luso-Alemã Lda. Rua Quinta Pinheiro, 5, Outurela 2794-003 Carnaxide Portugal	Gadovist	1 mmol/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini

<u>Stat Membru EU/EEA</u>	<u>Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq</u>	<u>Isem Ivvinat</u>	<u>Qawwa</u>	<u>Għamla Farmaċewtika</u>	<u>Mnien jingħata</u>
Il-Portugall	Lusal - Produção Químico-Farmacêutica Luso-Alemã Lda. Rua Quinta Pinheiro, 5, Outurela 2794-003 Carnaxide Portugal	Gadovist	1 mmol/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni, siringa mimlija għal-lest	Użu għal ġol-vini
Il-Portugall	A. Martins & Fernandes S.A. Rua Raúl Mesnier du Ponsard, 4 B 1750-243 Lisboa Portugal	Dotarem	377 mg/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini
Il-Portugall	Satis-Radioisótopos e Protecções Contra Sobreensões Eléctricas Unipessoal Lda. Edifício Ramazzotti, Av. do Forte, n.º 6 - 6A, 2790-502 Carnaxide Portugal	Omniscan	287 mg/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini
Ir-Rumanija	Bracco S.p.A. Via Egidio Folli, 50 20134 Milano Italy	MULTIHANCE 0,5M	0.529 g (0.334 g + 0.195g) / ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini
Ir-Rumanija	Bayer Schering Pharma AG Müllerstrasse 178 DE-13342 Berlin-Germany	MAGNEVIST	469,01 mg/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini
Ir-Rumanija	INSIGHT AGENTS GmbH Ringstrasse. 19B 69115 Heidelberg Germany	MAGNEGITA 500 micromol/ml, soluție injectabilă	500 micromol/ml (469,01 mg/ml)	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini

<u>Stat Membru EU/EEA</u>	<u>Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq</u>	<u>Isem Ivvintat</u>	<u>Qawwa</u>	<u>Għamla Farmaċewtika</u>	<u>Mnien jingħata</u>
Ir-Rumanija	GUERBET BP 57400 95943 Roissy Charles de Gaulle Cedex France	DOTAREM 0,5 mmol/ml soluzjoni injectabilă în seringă preumplută	27.932 g/ml	Soluzzjoni għall- injezzjoni, siringa mimlija għal-lest	Użu għal ġol-vini
Ir-Rumanija	GUERBET BP 57400 95943 Roissy Charles de Gaulle Cedex France	DOTAREM 0,5 mmol/ml soluzjoni injectabilă unidoză	27.932 g/ml	Soluzzjoni għall- injezzjoni	Użu għal ġol-vini
Ir-Rumanija	GUERBET BP 57400 95943 Roissy Charles de Gaulle Cedex France	DOTAREM 0,5 mmol/ml soluzjoni injectabilă multidoză	27.932 g/ml	Soluzzjoni għall- injezzjoni	Użu għal ġol-vini
Ir-Rumanija	Bayer Schering Pharma AG Müllerstrasse 178 DE-13342 Berlin- Germany	PRIMOVI 0,25 mmol/ml, soluzjoni injectabilă în seringă preumplută	181,430 mg/ml	Soluzzjoni għall- injezzjoni, siringa mimlija għal-lest	Użu għal ġol-vini
Ir-Rumanija	Bayer Schering Pharma AG Müllerstrasse 178 DE-13342 Berlin- Germany	GADOVIST 1,0 mmol/ml, soluzjoni injectabilă	604,720 mg/ml	Soluzzjoni għall- injezzjoni	Użu għal ġol-vini
Ir-Rumanija	GE Healthcare AS Nycoveien 1-2 P.O. Box 4220 Nydalen, N-0401 Oslo Norway	OMNISCAN, soluzjoni injectabilă	287,000 mg/ml	Soluzzjoni għall- injezzjoni	Użu għal ġol-vini
L-Isvezja	Bayer Schering Pharma AG Müllerstrasse 178 DE-13342 Berlin-Wedding Germany	Magnevist	0,5 mmol/m	Soluzzjoni għall- injezzjoni	Użu għal ġol-vini

<u>Stat Membru EU/EEA</u>	<u>Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq</u>	<u>Isem Ivvinat</u>	<u>Qawwa</u>	<u>Għamla Farmaċewtika</u>	<u>Mnjen jingħata</u>
L-Isvezja	Bracco SpA Via Egidio Folli 50 I-20134 Milan Italy	Multihance	334 mg/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini
L-Isvezja	Bracco SpA Via Egidio. Folli 50 I-20134 Milan Italy	Multihance	334 mg/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni, siringa mimlija għal-lest	Użu għal ġol-vini
L-Isvezja	Bracco International BV Stravinskylaan 3051 NL-1077 ZX Amsterdam The Netherlands	Prohance	279,3 mg/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini
L-Isvezja	GE Healthcare AS P.O.Box 4220 Nydalén N-0401 Oslo Norway	Omniscan	0,5 mmol/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini
L-Isvezja	GE Healthcare AS P.O.Box 4220 Nydalén N-0401 Oslo Norway	Omniscan	0,5 mmol/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni, siringa mimlija għal-lest	Użu għal ġol-vini
L-Isvezja	Bayer Schering Pharma AG, Müllerstrasse 178 DE-133 42 Berlin Germany	Primovist	0,25 mmol/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini
L-Isvezja	Bayer Schering Pharma AG, Müllerstrasse 178 DE-133 42 Berlin Germany	Primovist	0,25 mmol/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni, siringa mimlija għal-lest	Użu għal ġol-vini

<u>Stat Membru EU/EEA</u>	<u>Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq</u>	<u>Isem Ivvintat</u>	<u>Qawwa</u>	<u>Għamla Farmaċewtika</u>	<u>Mnien jingħata</u>
L-Isvezja	GUERBET BP 57400 95943 Roissy Charles de Gaulle Cedex France	Dotarem	279,3 mg/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini
L-Isvezja	Bayer Schering Pharma AG Müllerstrasse 178, DE-13342 Berlin-Wedding Germany	Gadovist	1,0 mmol/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini
L-Isvezja	Bayer Schering Pharma AG Müllerstrasse 178, DE-13342 Berlin-Wedding Germany	Gadovist	1,0 mmol/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni, siringa mimlija għal-lest	Użu għal ġol-vini
L-Isvezja	Insight Agents GmbH Ringstr.19 B D-69115 Heidelberg Germany	Magnegita	500 mikromol/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini
L-Isvezja	Insight Agents GmbH Ringstr.19 B D-69115 Heidelberg Germany	Gadopentetsyrad imegluminat Insight	500 mikromol/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini
L-Isvezja	Bayer Schering Pharma AG Müllerstrasse 178 DE-13342 Berlin-Wedding Germany	Magnograf	0,5 mmol/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini
L-Isvezja	Bayer Schering Pharma AG Müllerstrasse 178 DE-13342 Berlin-Wedding Germany	Magnograf	0,5 mmol/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni, siringa mimlija għal-lest	Użu għal ġol-vini
Slovenja	Higieia d.o.o. Zastopstva in trgovina, Blatnica 10, 1236 Trzin, Slovenia	Omniscan 0,5 mmol/ml raztopina za injiciranje	0,5 mmol/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini

<u>Stat Membru EU/EEA</u>	<u>Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq</u>	<u>Isem Ivvinat</u>	<u>Qawwa</u>	<u>Għamla Farmaċewtika</u>	<u>Mnien jingħata</u>
Slovenja	Insight Agents GmbH Ringstr. 19 B D-69115 Heidelberg Germany	Magnetita 500 mikromolov/ml raztopina za injiciranje	500 micromol/ml	Soluzzjoni għall- injezzjoni	Użu għal ġol-vini
Slovenja	Bayer Schering Pharma AG Müllerstrasse 170-178 DE-13342 Berlin-Wedding Germany	Magnevist	0,5 mmol/ml	Soluzzjoni għall- injezzjoni	Użu għal ġol-vini
Slovenja	Auremiana izvožno uvozno trgovsko podjetje, d.o.o., Sežana, Partizanska 109, 6210 Sežana	Multihance 0,5 mmol/ml raztopina za injiciranje	334 mg/ml	Soluzzjoni għall- injezzjoni	Użu għal ġol-vini
Slovenja	Emporio Medical d.o.o., Prešernova 5, 1000 Ljubljana, Slovenia	Dotarem 0,5mmol/ml raztopina za injiciranje	27,93 g/ml	Soluzzjoni għall- injezzjoni	Użu għal ġol-vini
Slovenja	Bayer Schering Pharma AG Müllerstrasse 170-178, DE-13342 Berlin-Wedding Germany	Gadovist 1,0 mmol/ml raztopina za injiciranje	1,0 mmol/ml	Soluzzjoni għall- injezzjoni	Użu għal ġol-vini
Slovenja	Bayer Schering Pharma AG Müllerstrasse 170-178, DE-13342 Berlin-Wedding Germany	Primovist 0,25 mmol/ml raztopina za injiciranje v napolnjeni injekcijski brizgi	0,25 mmol/ml	Soluzzjoni għall- injezzjoni	Użu għal ġol-vini
Is-Slovakkja	Bayer Schering Pharma AG Müllerstrasse 170-178, DE-13342 Berlin-Wedding Germany	Gadovist 1,0 mmol/ ml	604,72 mg/ml	Soluzzjoni għall- injezzjoni	Użu għal ġol-vini
Is-Slovakkja	GE Healthcare AS Nycoveien 1-2, 4220 Nydalen, Oslo N-0401 Norway	OMNISCAN	0,5 mmol/ml	Soluzzjoni għall- injezzjoni	Użu għal ġol-vini

<u>Stat Membru EU/EEA</u>	<u>Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq</u>	<u>Isem Ivvinat</u>	<u>Qawwa</u>	<u>Għamla Farmaċewtika</u>	<u>Mnien jingħata</u>
Is-Slovakkja	Bayer Schering Pharma AG Müllerstrasse 170-178, DE-13342 Berlin-Wedding Germany	Primovist 0,25 mmol/ ml, injekčný roztok	0,25 mmol/ml	Soluzzjoni għall- injezzjoni	Użu għal ġol-vini
Is-Slovakkja	Bracco IMAGING Deutschland GmbH Max-Stromexer-Str. 116 D-78467 Konstanz Germany	PROHANCE	279,3 mg/ml	Soluzzjoni għall- injezzjoni	Użu għal ġol-vini
Is-Slovakkja	Bayer Schering Pharma AG Müllerstrasse 170-178, DE-13342 Berlin-Wedding Germany	Magnevist	469 mg/ml	Soluzzjoni għall- injezzjoni	Użu għal ġol-vini
Ir-Renju Unit	GE Healthcare AS Nycoveien 1-2, 4220 Nydalen, Oslo N-0401 Norway	Omniscan injection	0.5 mmol/ml and 0.5 mmol/litre	Soluzzjoni għall- injezzjoni	Użu għal ġol-vini
Ir-Renju Unit	Bayer plc Bayer House, Strawberry Hill, Newbury, Berkshire, RG14 1JA UK	Magnevist	0.5 mmol/ml	Soluzzjoni għall- injezzjoni	Użu għal ġol-vini
Ir-Renju Unit	Bracco S.p.A. Via Emilio Folli, 50 20134 Milano Italy	Multihance	0.5 M/ml	Soluzzjoni għall- injezzjoni	Użu għal ġol-vini
Ir-Renju Unit	Bayer plc Bayer House, Strawberry Hill, Newbury, Berkshire, RG14 1JA UK	Primovist solution for injection	0.25 mmol/ml	Soluzzjoni għall- injezzjoni	Użu għal ġol-vini

<u>Stat Membru EU/EEA</u>	<u>Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq</u>	<u>Isem Ivvinat</u>	<u>Qawwa</u>	<u>Għamla Farmaċewtika</u>	<u>Mnjen jingħata</u>
Ir-Renju Unit	Bracco International B.V. , Strawinskyiaan 3051 Amsterdam 107 zx Netherlands	Prohance	0.5 M/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini
Ir-Renju Unit	Bayer plc Bayer House, Strawberry Hill, Newbury, Berkshire, RG14 1JA UK	Gadovist	1.0 mmol/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini
Ir-Renju Unit	GUERBET BP 57400 95943 Roissy Charles de Gaulle Cedex France	Dotarem solution for injection	0.5 mmol/ml	Soluzzjoni għall-injezzjoni	Użu għal ġol-vini

ANNEX II

**KONKLUŻJONIJIET XJENTIFIĊI U RAĠUNIJIET GĦALL-EMENDA TAS-SOMMARJU
TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT U L-FULJETTI TA' TAGĦRIF IPPREŻENTATI
MILL-AĠENZIJA EWROPEA DWAR IL-MEDIĊINI**

KONKLUŻJONIJIET XJENTIFIĊI

SOMMARJU ĠENERALI TAL-EVALWAZZJONI XJENTIFIKA TA' SUSTANZI TA' KUNTRAST LI FIHOM GADOLINIUM (ara Anness I)

Is-sustanzi ta' kuntrast li fihom gadolinium (GdCAs) – gadoversetamide, gadodiamide, aċidu gadopentetiku, aċidu gadobeniku, gadofosveset, aċidu gadoksetiku, gadoteridol, gadobutrol u aċidu gadoteriku - huma sustanzi għal ġol-vini li jintużaw għal titjib tal-kuntrast ma' immaġni bir-riżonanza manjetika (MRI) u ma' anġjografija bir-riżonanza manjetika (MRA). Il-GdCAs huma disponibbli għal tipi differenti ta' skansjoni MR li jvarjaw minn prodott għall-ieħor, fosthom skansjoni tal-fwied, tal-moħħ jew tal-ġisem sħiħ.

Il-GdCAs ġew assoċjati ma' fibrożi sistemika nefroġenika (NSF), sindrome serja, rari u ta' theddida għall-ħajja li tinvolvi fibrożi tal-ġilda, il-ġogi u l-organi interni f'pazjenti b'indeboliment sever tal-kliwi. Il-GdCAs ġew assoċjati l-ewwel darba ma' fibrożi sistemika nefroġenika (NSF) f'Jannar 2006 meta ħames pazjenti b'indeboliment renali tal-aħħar stadju sottoposti għal MRA żviluppaw sinjali ta' NSF ġimagħtejn sa erba' ġimgħat wara l-ġhodi ta' GdCAs. Dan segwa grupp ta' 25 każ ta' NSF (20 fid-Danimarka u 5 fl-Awstrija) f'pazjenti b'indeboliment sever tal-kliwi, li nġhataw gadodiamide. Minn Ġunju 2006 'l hawn kien hemm rapporti ta' NSF assoċjati ma' GdCAs oħra u din il-kwistjoni kienet soġġetta għal valutazzjonijiet regolatorji bir-reqqa li wasslu għal miżuri ta' tnaqqis tar-riskju fil-livell nazzjonali.

Fis-6 ta' Novembru 2008, id-Danimarka talbet lill-CHMP, skont l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2001/83/KE, biex jagħti l-opinjoni tiegħu dwar jekk l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq tal-GdCAs għandhomx ikunu differenti fir-rigward tal-użu tagħhom f'popolazzjoni speċjali ta' pazjenti li jkunu aktar f'riskju li jżviluppaw fibrożi sistemika nefroġenika (NSF). Fid-19 ta' Novembru 2008, il-Kummissjoni Ewropea bdiet il-proċedura korrispondenti skont l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 726/2004, għal GdCAs li huma awtorizzati ċentralment (gadoversetamide u gadofosveset).

Il-CHMP ivvaluta l-informazzjoni kollha pprovduta mid-Detenturi tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq.

L-istima tar-riskju relattiv għal NSF, ikkalkulata fuq il-bażi tan-numru ta' każijiet mhux imħawda u GdCA, hija ogħla għal gadodiamide (100%), gadoversetamide (94%), u l-aċidu gadopentetiku (10%) u <1% għal gadoteridol u l-aċidu gadoteriku. Ma ġie stmat l-ebda riskju relattiv għall-GdCAs l-oħra billi l-użu tagħhom huwa baxx ħafna.

Il-GdCAs kollha huma kumplessi kelati li fihom Gd^{3+} , il-jone tossiku ħafna gadolinium, li potenzjalment jista' jintreħa permezz ta' *transmetallation in vivo*. Il-livell ta' transmetallation iwarja b'mod sinifikanti bejn il-kumplessi, bil-kelati lineari iżjed probabbli li jerħu Gd^{3+} milli l-kelati ċikliċi, fejn il-jone ta' gadolinium huwa miżmum f'kavità. Fatturi oħra bħalma huma l-indeboliment tal-kliwi huma probabbli li jżidu t-tossiċità tal-kumplessi billi jittardjaw it-tneħħija ta' Gd^{3+} .

Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-CHMP irrikonoxxa li hemm kategoriji differenti ta' riskju ta' NSF għall-GdCAs:

Riskju għoli:

- Kelati mhux joniċi lineari* fosthom gadoversetamide (OptiMARK) u gadodiamide (Omniscan).
- Kelat joniku lineari:* aċidu gadopentetiku (Magnevist, Gado-MRT-ratiopharm, Magnegita).

Riskju medju:

Kelati joniċi lineari fosthom gadofosveset (Vasovist), aċidu gadoksetiku (Primovist) u aċidu gadobeniku (MultiHance).

Riskju baxx:

Kelati makroċikliċi fosthom l-aċidu gadoteriku (Dotarem), gadoteridol (ProHance) u gadobutrol (Gadovist).

Il-CHMP jirrikonoxxi li fi ħdan il-grupp f'riskju għoli, ir-riskju ta' NSF b'gadodiamide u gadoversetamide jidher akbar bl-aċidu gadopentetiku fuq il-bażi tal-karatteristiċi fiżikokimiċi, l-istudji fuq l-animali u n-numru rrappurtat ta' każijiet ta' NSF. Madankollu, billi r-riskju bl-aċidu gadopentetiku jibqa' konsiderevolment ogħla mir-riskju ta' NSF bis-sustanzi l-oħra ta' kuntrast b'riskju anqas, il-CHMP irrakkomanda li l-aċidu gadopentetiku għandu jinżamm fil-grupp ta' riskju għoli u għandu jkun suġġett għall-istess miżuri ta' tnaqqis tar-riskju.

Sabiex jitnaqqas ir-riskju rikonoxxut assoċjat mal-GdCAs u l-iżvilupp ta' NSF, il-CHMP qabel dwar il-miżuri li għejjin għall-gruppi ta' pazjenti f'riskju segwenti:

Użu waqt it-tqala u t-treddiġh

L-użu waqt it-tqala ma huwa rakkomandat għall-ebda GdCA minħabba l-possibbiltà ta' akkumulazzjoni ta' gadolinium fit-tessuti umani. Għalkemm jitneħħew biss ammonti żgħir ta' gadolinium fil-ħalib tas-sider uman, l-immaturità tal-kliewi tal-fetu tista' tittardja t-tneħħija ta' gadolinium li twassal għall-possibbiltà ta' akkumulazzjoni fit-tul ta' gadolinium fit-tessuti. Għaldaqstant huwa rakkomandat li l-pazjenti kollha li jirċievu GdCAs b'riskju għoli ta' NSF iwaqqfu t-treddiġh għal mill-anqas 24 siegħa. Għall-GdCAs l-oħra kollha, it-twaqqif jew is-sospensjoni tat-treddiġh jitħalla fid-diskrezzjoni tal-omm f'konsultazzjoni mat-tabib.

Pazjenti b'indeboliment renali u l-emodijalisi

L-użu ta' GdCAs b'riskju għoli huwa kontra-indikat f'pazjenti b'indeboliment sever tal-kliewi. Huma inklużi twissijiet qawwija fil-GdCAs ta' riskju medju u baxx għal NSF fir-rigward tal-użu f'pazjenti b'indeboliment sever tal-kliewi iżda suġġett għal restrizzjoni tad-doża għal minimu waqt skansjoni u b'intervall minimu ta' 7 ijiem bejn għotja u oħra.

Fil-każ ta' pazjenti b'indeboliment renali moderat, billi mhuwiex magħruf ir-riskju għall-kategorija ta' GdCAs b'riskju għoli, ġie maqbul li l-użu għandu jiġi kkunsidrat biss wara konsiderazzjoni bir-reqqa tal-benefiċċju-riskju, suġġett għal restrizzjoni tad-doża għal mhux aktar minn injezzjoni waħda tad-doża minima waqt skansjoni b'intervall minimu ta' 7 ijiem bejn għotja u oħra.

M'hemmx evidenza li ssostni l-użu ta' emodijalisi għall-prevenzjoni jew it-trattament ta' NSF f'pazjenti li ma jkunux diġà sottoposti għal emodijalisi, iżda din tista' tkun utli fit-tneħħija tal-GdCAs f'pazjenti li diġà jkunu fuq emodijalisi. Din l-informazzjoni hija riflessa fl-informazzjoni dwar il-prodott għall-GdCAs kollha.

Pazjenti għal trapjant tal-fwied

Il-pazjenti li jkunu ser jagħmlu trapjant tal-fwied huma f'riskju partikolari ta' NSF jekk ikunu esposti għall-GdCAs, speċjalment għall-GdCAs b'riskju għoli. Għaldaqstant, l-użu ta' GdCAs b'riskju għoli f'din il-popolazzjoni huwa kontra-indikat. Hemm inklużi twissijiet qawwija għall-GdCAs b'riskju medju u baxx ta' NSF rigward l-użu f'din il-popolazzjoni speċjali partikolari. Madankollu, jekk ikun meħtieġ li jintużaw, f'dak il-każ huma rakkomandati restrizzjonijiet tad-doża għal doża minima waqt skansjoni waħda b'intervall minimu ta' 7 ijiem bejn għotja u oħra.

Pazjenti pedjatriċi

L-użu tal-kategorija ta' riskju għoli ta' GdCAs fi trabi għadhom jitwiieldu sal-età ta' 4 ġimgħat huwa kontra-indikat. L-użu ta' GdCAs b'riskju medju u baxx fi trabi għadhom jitwiieldu għandu jiġi kkunsidrat biss wara konsiderazzjoni bir-reqqa suġġett għal restrizzjonijiet tad-doża u l-intervall tal-għoti.

Minħabba l-funzjoni renali immatura tat-trabi ta' inqas minn sena, l-użu tal-GdCAs kollha għandu jkun suġġett għal konsiderazzjoni bir-reqqa u għal restrizzjonijiet fuq id-doża u l-intervall tal-għoti għal mhux aktar minn injezzjoni waħda tad-doża minima waqt skansjoni b'intervall minimu ta' 7 ijiem bejn għotja u oħra.

Pazjenti anzjani

Ma huwa rakkomandat l-ebda aġġustament tad-doża iżda l-iskrining ta' pazjenti ta' 65 sena u aktar għal disfunzjoni tal-kliewi huwa ta' importanza partikolari qabel ma jingħataw il-GdCAs.

Miżuri oħra ta' prekawzjoni

Skrining għal disfunzjoni tal-kliewi

Huwa meħtieġ skrining obbligatorju għad-disfunzjoni tal-kliewi permezz ta' testijiet tal-laboratorju għall-pazjenti kollha li jkunu ser jingħataw GdCAs b'riskju għoli ta' NSF. Dan l-iskrining huwa rakkomandat għall-pazjenti kollha li jkunu se jirċievu GdCAs b'riskju medju u baxx ta' NSF. It-testijiet tal-laboratorju huma iżjed effettivi sabiex jivvalutaw il-funzjoni renali tal-pazjenti kollha f'riskju, billi l-bidliet fil-funzjoni tal-kliewi ħafna drabi ma jiġux riflessi b'mod sintomatiku jew kliniku.

Minbarra l-miżuri ta' tnaqqis tar-riskju inklużi fl-informazzjoni dwar il-prodott, il-CHMP, wara li kkunsidra l-evidenza li joni tossiċi ħielsa ta' gadolinium jiġu miżmuma fit-tessuti umani, ikkonkluda li hemm bżonn ta' studji li jevalwaw il-potenzjal għaż-żamma fuq perjodu fit-tul ta' gadolinium fl-għadam. Għaldaqstant, id-Detenturi tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq huma mitluba jissottomettu lill-CHMP protokollu u linji taż-żmien għall-istudji tal-akkumulazzjoni ta' gadolinium fl-għadam uman fi żmien 3 xhur mid-deċiżjoni dwar din il-proċedura ta' riferiment. Huwa rakkomandat l-ittestjar ta' kampjuni tal-għadam minn pazjenti sottoposti għal operazzjoni għall-bdil tal-ġenb u tal-irkoppa. Għandhom jiġu studjati kofatturi li jistgħu jżidu r-riskju ta' NSF, bħalma huma l-livelli ta' kalċju u fosfat fis-serum fil-ħin tal-għoti ta' GdCA, u jiġu evalwati l-bijomarkers.

Barra minn hekk, id-Detenturi tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq għandhom jissottomettu valutazzjoni kumulattiva dwar każijiet ta' NSF kull sena għal 3 snin wara xulxin li jibdwew sena wara d-deċiżjoni dwar din il-proċedura ta' riferiment.

Kien hemm qbil dwar il-ħtieġa li jkun hemm metodu ta' traċċabilità armonizzat madwar l-Ewropa kollha għal monitoraġġ effettiv tal-użu ta' GdCAs. L-użu ta' "sticky labels" li jistgħu jinjalghu minn mal-kunjetti u s-siringi huwa kkunsidrat bħala metodu adattat biex jiġi implimentat għall-GdCAs kollha.

Id-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq għal Omniscan (gadodiamide) ma qabilx mat-twissijiet proposti fuq it-tikketti fir-rigward tal-iskrining tal-pazjenti għad-disfunzjoni tal-kliewi u talab rieżami tal-opinjoni.

Id-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq appoġġja t-tnaqqis tar-riskju propost mill-CHMP biex il-pazjenti kollha jiġu skrinjati għad-disfunzjoni tal-kliewi irrispettivament mill-GdCAs. Madankollu, l-iskrining għandu jeħtieġ testijiet fil-laboratorju biss wara evalwazzjoni tal-istorja medika tal-pazjent u l-miżura ta' minimizzazzjoni għandha tkun l-istess għall-GdCAs kollha.

Wara li qies ir-raġunijiet dettaljati pprovduti bil-miktub mid-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq għal rieżami, il-CHMP jaqbel li l-istorja medika tista' tidentifika xi pazjenti b'disfunzjoni possibbli tal-kliewi. Madankollu, wieħed ma jistax jibbaża biss fuq l-istorja medika, billi din ma tkunx biżżejjed biex tidentifika l-pazjenti kollha f'riskju. It-testijiet tal-laboratorju huma aktar effettivi biex tiġi valutata l-funzjoni renali fil-pazjenti kollha f'riskju, billi l-bidliet fil-funzjoni tal-kliewi ħafna drabi ma jiġux riflessi b'mod sintomatiku jew kliniku. L-inkoraġġiment ta' ttestjar xieraq tal-funzjoni renali għandu jassigura l-identifikazzjoni tal-pazjenti f'riskju u jassigura l-użu ta' aġenti dijanjostiċi xierqa.

Din il-minimizzazzjoni tar-riskju ġiet applikata skont it-tliet kategoriji differenti ta' riskju ta' NSF għall-GdCAs rikonoxxuti mill-CHMP abbażi tal-kwalitajiet termodinamiċi u kinetiċi tagħhom. Għaldaqstant, u fid-dawl tal-benefiċċju/riskju globali, il-CHMP qabel li biex il-pazjenti kollha jingħataw GdCAs b'riskju għoli ta' NSF, għandu jitwettaq skrining obbligatorju permezz ta' testijiet fil-laboratorju.

Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-CHMP ikkonkluda li l-Opinjoni tiegħu tad-19 ta' Novembru 2009 għandha tinżamm bl-emendi rakkomandati fis-sezzjonijiet rilevanti tas-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott u l-Fuljett ta' Tagħrif kif speċifikat fl-Anness III għall-opinjoni.

RAĠUNIJIET GĦALL-EMENDA TAS-SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT U TAL-FULJETTI TA' TAGĦRIF

Billi

- Il-Kumitat ikkunsidra r-riferiment magħmul skont l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2001/83/KE, kif emendata, għas-sustanzi ta' kuntrast li fihom gadolinium (GdCAs), mibdi mid-Danimarka.
- il-Kumitat ivvaluta r-raġunijiet għal eżami mill-ġdid sottomessi mill-MAH ta' Omniscan (gadodiamide) fil-25 ta' Jannar 2010 u d-diskussjoni xjentifika fi ħdan il-Kumitat;
- Il-Kumitat ivvaluta l-informazzjoni kollha disponibbli sottomessa dwar is-sigurtà tas-sustanzi ta' kuntrast li fihom gadolinium, b'rabta mar-riskju ta' NSF.
- Il-Kumitat ikkonkluda li s-sustanzi ta' kuntrast li fihom gadolinium huma assoċjati ma' NSF u li r-riskju jżidied f'pazjenti b'indeboliment tal-kliwi, pazjenti bi trapjant tal-fwied, il-popolazzjoni pedjatrika, waqt it-tqala u t-treddiġh u fl-anzjani.
Il-CHMP irrikonoxxa wkoll li abbażi tar-riskju tagħhom għal NSF, il-GdCAs jistgħu jiġu kklassifikati fi 3 kategoriji ta' riskju: riskju għoli, medju u baxx.
- Il-CHMP ikkonkluda li l-Infurmazzjoni dwar il-Prodott tal-GdCAs kollha għandha tinkludi informazzjoni dwar is-sigurtà sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' NSF u għalhekk irrakkomanda l-emendi għas-sezzjonijiet rilevanti tas-Sommarji tal-Karatteristiċi tal-Prodott u l-Fuljetti ta' Tagħrif skont il-kategorija tar-riskju.
Barra minn hekk, huma rakkomandati Miżuri ta' Minimizzazzjoni tar-Riskju dwar it-traċċabilità kif ukoll l-effetti fit-tul ta' dawn il-prodotti fl-Ewropa.

Għalhekk, il-CHMP irrakkomanda li jinżammu l-Awtorizzazzjonijiet għat-Tqegħid fis-Suq għall-prodotti mediċinali msemmija fl-Anness I li l-emendi għas-sezzjonijiet rilevanti tas-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott u l-Fuljett ta' Tagħrif tagħhom huma speċifikati fl-Anness III u skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness IV.

ANNEX III

**EMENDI LIS-SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT
U L-FULJETT TA' TAGĦRIF**

EMENDI LI GĦANDHOM JIĠU NKLUŻI FIS-SEZZJONIJIET RILEVANTI TAS-SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT GĦAL SUSTANZI TA' KUNTRAST TA' RISKJU GĦOLI LI FIHOM GADOLINIUM (gadodiamide, gadopentetic acid)

4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata

[Uża l-kitba approvata bħalissa flimkien ma' gwida għall-popolazzjonijiet speċjali (pazjenti b'indeboliment tal-kliwi, trabi tat-twelid, trabi u l-anzjani)]

Popolazzjonijiet speċjali

Indeboliment tal-kliwi

{Isem ivvintat} huwa kontra-indikat f'pazjenti b'indeboliment sever tal-kliwi (GFR < 30 ml/min/1.73m²) u f'pazjenti fil-perjodu ta' qabel u wara operazzjoni ta' trapjant tal-fwied (ara sezzjoni 4.3). {Isem ivvintat} għandu jintuża biss wara valutazzjoni b'attenzjoni tar-riskju/benefiċċju f'pazjenti b'indeboliment moderat tal-kliwi (GFR 30-59 ml/min/1.73m²) b'doża li ma taqbisx {x} mmol/kg ta' piż tal-ġisem (ara sezzjoni 4.4). Waqt *skan*, m'għadhiex tintuża aktar minn doża waħda. Minħabba n-nuqqas ta' tagħrif dwar għoti ripetut, injezzjonijiet ta' {Isem ivvintat} m'għandhomx jiġu ripetuti jekk l-intervall bejn l-injezzjonijiet ma jkunx ta' l-inqas sebat ijiem.

[Jekk huwa permess użu fi trabi tat-twelid u fi trabi, żid stqarrija dwar l-użu fi trabi tat-twelid u fi trabi]

Trabi tat-twelid b'età sa 4 ġimgħat u trabi b'età sa sena

{Isem ivvintat} huwa kontra-indikat fi trabi tat-twelid b'età sa 4 ġimgħat (ara sezzjoni 4.3). Minħabba funzjoni immatura tal-kliwi fi trabi b'età sa sena, {Isem ivvintat} għandu jintuża biss f'dawn il-pazjenti wara kunsiderazzjoni b'attenzjoni b'doża li ma taqbisx {x} mmol/kg ta' piż tal-ġisem. Waqt *skan* m'għadhiex tintuża aktar minn doża waħda. Minħabba n-nuqqas ta' tagħrif dwar għoti ripetut, injezzjonijiet ta' {Isem ivvintat} m'għandhomx jiġu ripetuti jekk l-intervall bejn l-injezzjonijiet ma jkunx ta' l-inqas sebat ijiem.

[Jekk għall-indikazzjoni partikulari l-użu huwa ristrett bl-età żid stqarrija dwar l-użu fi trabi tat-twelid u fi trabi u speċifika l-indikazzjoni u l-età fejn l-użu mhux irrakkomandat]

Trabi tat-twelid b'età sa 4 ġimgħat, trabi b'età sa sena u tfal

{Isem ivvintat} huwa kontra-indikat fi trabi tat-twelid b'età sa 4 ġimgħat (ara sezzjoni 4.3). Minħabba funzjoni immatura tal-kliwi fi trabi b'età sa sena, {Isem ivvintat} għandu jintuża f'dawn il-pazjenti wara kunsiderazzjoni b'attenzjoni b'doża li ma taqbisx {x} mmol/kg ta' piż tal-ġisem biss. Waqt *skan* m'għadhiex tintuża aktar minn doża waħda. Minħabba n-nuqqas ta' tagħrif dwar għoti ripetut, injezzjonijiet ta' {Isem ivvintat} m'għandhomx jiġu ripetuti jekk l-intervall bejn l-injezzjonijiet ma jkunx ta' l-inqas sebat ijiem.

Użu għal MRI tal-ġisem kollu mhux irrakkomandat fi tfal b'età inqas minn 6 xhur.

[Jekk l-użu huwa ristrett għall-użu fi tfal b'età ta' iktar minn sena, speċifika l-indikazzjoni u l-età fejn l-użu mhux irrakkomandat]

Trabi tat-twelid b'età sa 4 ġimgħat, trabi b'età sa sena u tfal

{Isem ivvintat} huwa kontra-indikat fi trabi tat-twelid b'età sa 4 ġimgħat (ara sezzjoni 4.3). L-użu ta' {Isem ivvintat} mhux irrakkomandat fi tfal b'età inqas minn sentejn.

Anzjani (età minn 65 sena 'l fuq)

Aġġustament fid-doża mhux ikkunsidrat bħala neċessarju. Għandha tintuża kawtela f'pazjenti anzjani (ara sezzjoni 4.4).

4.3 Kontra-indikazzjonijiet

[Uża l-kitba approvata bħalissa u żid il-kontra-indikazzjoni elenkata taħt]

{Isem ivvintat} huwa kontra-indikat f'pazjenti b'indeboliment sever tal-kliewi (GFR <30ml/min/1.73m²), f'pazjenti fil-perijodu ta' qabel u wara operazzjoni ta' trapjant tal-fwied u fi trabi tat-twelid b'età sa 4 ġimġhat (ara sezzjoni 4.4).

4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu

[Bl-eċċezzjoni ta' tagħrif dwar indeboliment fil-funzjoni tal-kliewi, użu fi trabi tat-tweid u fi trabi u użu fl-anzjani, uża l-kitba approvata bħalissa]

Indeboliment fil-funzjoni tal-kliewi

Qabel l-ġhoti ta' {Isem ivvintat}, il-pazjenti kollha għandhom jiġu ttestjati għall-funzjoni ħażina tal-kliewi billi jinkisbu testijiet tal-laboratorju.

F'pazjenti b'indeboliment akut jew kroniku sever tal-kliewi (GFR < 30 ml/min/1.73m²), kien hemm rapporti ta' fibrożi nefroġenika sistemika (NSF) assoċjata ma' l-użu ta' {Isem ivvintat} u ma' xi sustanzi ta' kuntrast li fihom gadolinium oħra. Pazjenti li qed jagħmlu trapjant tal-fwied huma f'riskju partikulari peress li l-inċidenza ta' insuffiċjenza akuta tal-kliewi hija għolja f'dan il-grupp. Għalhekk {Isem ivvintat} m'għandux jintuża f'pazjenti b'indeboliment sever tal-kliewi, f'pazjenti fil-perijodu ta' qabel u wara operazzjoni ta' trapjant tal-fwied u fi trabi tat-twelid (ara sezzjoni 4.3).

F'pazjenti b'indeboliment moderat tal-kliewi (GFR 30–59 ml/min/1.73 m²) ir-riskju ta' żvilupp ta' NSF mhux magħruf, għalhekk, f'pazjenti b'indeboliment moderat tal-kliewi {Isem ivvintat} għandhu jintuża biss wara valutazzjoni b'attenzjoni tar-riskju u l-benefiċċju.

Emodijalisi ftit wara l-ġhoti ta' {Isem ivvintat} tista' tkun utli biex jitneħħa {Isem ivvintat} mill-ġisem. M'hemm evidenza li ssostrni l-bidu ta' emodijalisi għall-prevenzjoni jew kura ta' NSF f'pazjenti li mhux qed jagħmlu emodijalisi.

[Jekk l-użu mhux awtorizzat għal trabi b'età inqas minn sena, stqarrija f'sezzjoni 4.4 mhux neċessarja. Jekk l-użu huwa awtorizzat fi trabi tat-twelid u fi trabi żid l-istqarrija li ġejja]

Trabi tat-twelid u trabi

{Isem ivvintat} huwa kontra-indikat fi trabi tat-twelid b'età sa 4 ġimġhat (ara sezzjoni 4.3). Minħabba funzjoni tal-kliewi immatura fi trabi b'età sa sena, {Isem ivvintat} għandu jintuża f'dawn il-pazjenti wara kunsiderazzjoni b'attenzjoni biss.

[Jekk l-użu huwa awtorizzat biss għal tfal b'età 'l fuq minn 6 xhur żid l-istqarrija li ġejja]

Trabi

Minħabba funzjoni tal-kliewi immatura fi tfal b'età sa sena, f'pazjenti b'età minn 6 xhur sa 12-il xahar, {Isem ivvintat} għandu jintuża biss wara kunsiderazzjoni b'attenzjoni.

Anzjani

Peress li t-tneħħija mill-kliewi ta' {sustanza attiva} tista' tkun indebolita fl-anzjani, huwa importanti ħafna li pazjenti b'età minn 65 sena 'l fuq jiġu evalwati għal funzjoni ħażina tal-kliewi.

4.6 Tqala u treddigħ

Tqala

[*Emenda l-kitba approvata bħalissa għat-tagħrif f'nisa tqal u studji fuq l-annimali skont il-Linji Gwida tas-CHMP dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju ta' Prodotti Mediċinali fuq ir-Riproduzzjoni u t-Treddigħ fil-Bniedem: Minn Tagħrif sa Tikkettjar (24 ta' Lulju 2008)*]

M'hemmx tagħrif dwar l-użu ta' {sustanza attiva} f'nisa tqal. Studji fuq l-annimali ma jurux effetti ħżiena diretti jew indiretti rigward tossiċità fuq is-sistema riproduttiva (ara sezzjoni 5.3). {Isem ivvintat} m'għandux jintuża waqt it-tqala sakemm il-kundizzjoni klinika tal-mara ma tkunx teħtieġ l-użu ta' {sustanza attiva}.

jew

M'hemmx tagħrif dwar l-użu ta' {sustanza attiva} f'nisa tqal. Studji fuq l-annimali wrew tossiċità riproduttiva wara għoti ripetuti ta' dożi għolja (ara sezzjoni 5.3). {Isem ivvintat} m'għandux jintuża waqt it-tqala sakemm il-kundizzjoni klinika tal-mara ma tkunx teħtieġ l-użu ta' {sustanza attiva}.

Treddigħ

[*Emenda l-kitba approvata bħalissa għat-tagħrif f'nisa li qed iredgħu u studji fuq l-annimali skont il-Linji Gwida tas-CHMP dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju ta' Prodotti Mediċinali fuq ir-Riproduzzjoni u t-Treddigħ fil-Bniedem: Minn Tagħrif sa Tikkettjar (24 ta' Lulju 2008)*]

Mhux magħruf jekk {sustanza attiva} jitneħhiex fil-ħalib uman. M'hemmx tagħrif biżżejjed dwar it-tneħħija ta' {sustanza attiva} fil-ħalib ta' l-annimali. Riskju għat-tarbija li qed terda' ma jistax jiġi eskluż. It-treddigħ għandu jitwaqqaf għal ta' l-inqas 24 siegħa wara l-għoti ta' {Isem ivvintat}.

jew

Mhux magħruf jekk {sustanza attiva} jitneħhiex fil-ħalib uman. Tagħrif disponibbli dwar l-annimali wera tneħħija ta' {sustanza attiva} fil-ħalib (għad-dettalji ara sezzjoni 5.3). Riskju għat-tarbija li qed terda' ma jistax jiġi eskluż. It-treddigħ għandu jitwaqqaf għal ta' l-inqas 24 siegħa wara l-għoti ta' {Isem ivvintat}.

4.8 Effetti mhux mixtieqa

Każijiet ta' fibrożi nefroġenika sistemika (NSF) kienu irrappurtati b' {Isem ivvintat} (ara sezzjoni 4.4).

4.9 Doża eċċessiva

[*Uża l-kitba approvata bħalissa flimkien mal-kliem dwar l-omodijalisi*]

{Isem ivvintat} jista' jitneħħa permezz ta' emodijalisi. Madankollu m'hemmx evidenza li emodijalisi hija xierqa għall-prevenzjoni ta' fibrosi nefroġenika sistemika (NSF).

6.6 Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu meta jintrema

[*Uża l-kitba approvata bħalissa dwar ir-rimi*]

It-tikketta ta' sorveljanza li titqaxxar fuq il-{kunjetti/siringi/fliexken} għandha titwaha fuq il-kartella tal-pazjent biex tkun tista' ssir reġistrazzjoni preċiża tas-sustanza ta' kuntrast użata li fiha gadolinium. Id-doża wżata għanda tiġi rrekordjata wkoll.

**EMENDI LI GĦANDHOM JIĠU NKLUŻI FIS-SEZZJONIJIET RILEVANTI TAL-FULJETT TA' TAGĦRIF GĦAL SUSTANZI TA' KUNTRAST TA' RISKJU GĦOLI LI FIHOM GADOLINIUM
(gadodiamide, gadopentetic acid)**

2. QABEL MA TINGĦATA {Isem ivvintat}

Oqgħod attent ħafna b' {Isem ivvintat}:

[Uża l-kitba approvata bħalissa flimkien ma' tagħrif dwar NSF]

M'għandekx tingħata {Isem ivvintat} jekk tbatu minn problemi severi tal-kliwi, jew jekk inti pazjent li se jkollok jew kellek dan l-aħħar trapjant tal-fwied, peress li l-użu ta' {Isem ivvintat} f'pazjenti b'dawn il-kundizzjonijiet kien assoċjat ma' marda msejja fibrożi nefroġenika sistemika (NSF). NSF hija marda li tinvolvi tħaxxin tal-ġilda u tat-tessut konnettiv. NSF tista' twassal għal tnaqqis sever fil-mobilità tal-ġogi, indeboliment tal-muskoli jew tista' taffettwa l-funzjoni normali ta' organi interni b'potenzjal ta' periklu għall-ħajja.

Barra dan {Isem ivvintat} m'għandux jingħata lil trabi tat-twelid b'età sa 4 ġimgħat.

Għid lit-tabib tiegħek jekk:

[Uża l-kitba approvata bħalissa]

- il-kliwi tiegħek ma jaħdmux sew
- dan l-aħħar kellek, jew qed tistenna dalwaqt trapjant tal-fwied

[Uża l-kitba approvata bħalissa flimkien ma' tagħrif dwar funzjoni tal-kliwi indebolita]

Qabel tirċievi {Isem ivvintat}, se jkollok bżonn tagħmel test tad-demem biex tiċċekkja kemm qed jaħdmu tajjeb il-kliwi tiegħek.

[Uża l-kitba approvata bħalissa flimkien ma' tagħrif dwar użu fi trabi tat-twelid u fi trabi]

[Jekk l-użu huwa awtorizzat fi trabi żid l-istqarrija li ġejja]

{Invented name} m'għandux jintuża fi trabi tat-twelid b'età sa 4 ġimgħat. Peress li fi trabi b'età sa sena l-funzjoni tal-kliwi hija immatura, fi trabi {Isem ivvintat} se jintuża biss wara kunsiderazzjoni b'attenzjoni mit-tabib.

[Jekk l-użu huwa awtorizzat biss fi trabi b'età 'l fuq minn 6 xhur żid l-istqarrija li ġejja]

{Invented name} m'għandux jintuża fi trabi tat-twelid b'età sa 4 ġimgħat. Peress li fi trabi b'età sa sena l-funzjoni tal-kliwi hija immatura, f'pazjenti b'età minn 6 xhur sa 12-il xhur {Isem ivvintat} se jintuża biss wara kunsiderazzjoni b'attenzjoni mit-tabib.

[Jekk l-użu mhux awtorizzat fi tfal b'età inqas minn sentejn żid l-istqarrija li ġejja]

{Invented name} m'għandux jintuża fi trabi tat-twelid b'età sa 4 ġimgħat u mhux irrakkomandat fi tfal b'età inqas minn sentejn.

Tqala u treddigħ

Itlob il-parir tat-tabib tiegħek qabel tieħu xi mediċina.

Tqala

Għandek tgħid lit-tabib tiegħek jekk taħseb li inti tqila jew jekk tista' toħroġ tqila għax {Isem ivvintat} m'għandux jintuża waqt it-tqala jekk m'hemm bżonn assolut.

Treddigħ

Għid lit-tabib tiegħek jekk qed tredda' jew se tibda tredda'. It-treddigħ għandu jitwaqqaf għall-perijodu ta' mill-inqas 24 siegħa wara li tirċievi {Isem ivvintat}.

3. KIF GĦANDEK TUŻA {Isem ivvintat}

Dożaġġ fi gruppi ta' pazjenti speċjali

[Uża l-kitba approvata bħalissa flimkien ma' tagħrif dwar funzjoni tal-kliwi indebolita, użu fi trabi tat-twelid u fi trabi u użu fl-anzjani]

M'għandekx tingħata {Isem ivvintat} jekk tbat minn problemi severi tal-kliwi jew jekk inti pazjent li se jkollok jew kellek dan l-aħħar trapjant tal-fwied.

Barra dan {Isem ivvintat} m'għandux jingħata lil trabi tat-twelid b'età sa 4 ġimgħat.

Jekk għandek problemi moderati tal-kliwi waqt *skan* għandek tirċievi doża waħda biss ta' {Isem ivvintat} u m'għandekx tirċievi t-tieni injezzjoni qabel ta' l-inqas sebat ijiem.

[Jekk huwa permess użu fi trabi, żid stqarrija dwar l-użu fi trabi]

Peress li fi trabi b'età sa sena l-funzjoni tal-kliwi hija immatura, waqt *skan*, trabi tat-twelid u trabi għandhom jirċievu doża waħda biss ta' {Isem ivvintat} u m'għandhomx jirċievu t-tieni injezzjoni qabel ta' l-inqas sebat ijiem.

Mhux neċessarju li taġġusta d-doża tiegħek jekk għandek 65 sena jew aktar iżda se jkollok tagħmel test tad-demem biex tiċċekkja kemm qed jaħdmu tajjeb il-kliwi tiegħek.

4. EFFETTI SEKONDARJI LI JISTA' JKOLLU

[Uża l-kitba approvata bħalissa b'żjieda ta' tagħrif dwar NSF]

Kien hemm rapporti ta' fibrożi nefroġenika sistemika (li tikkawża twebbis tal-ġilda u tista' taffettwa wkoll it-tessut artab u l-organi interni).

<-----

It-tagħrif li jmiss huwa maħsub biss għall-professjonisti fil-qasam mediku jew fil-kura tas-saħħa:

[Uża l-kitba approvata bħalissa flimkien ma' tagħrif dwar NSF]

Qabel l-għoti ta' {Isem ivvintat}, il-pazjenti kollha għandhom jiġu ttestjati għall-funzjoni ħażina tal-kliwi billi jinkisbu testijiet tal-laboratorju.

F'pazjenti b'indeboliment akut jew kroniku sever tal-kliwi ($GFR < 30 \text{ ml/min/1.73m}^2$), kien hemm rapporti ta' fibrożi nefroġenika sistemika (NSF) assoċjata ma' l-użu ta' {Isem ivvintat} u ma' xi sustanzi ta' kuntrast li fihom gadolinium oħra. Pazjenti li qed jagħmlu trapjant tal-fwied huma f'riskju partikulari peress li l-inċidenza ta' insuffiċjenza akuta tal-kliwi hija għolja f'dan il-grupp. Għalhekk {Isem ivvintat} m'għandux jintuża f'pazjenti b'indeboliment sever tal-kliwi, f'pazjenti fil-perijodu ta' qabel u wara operazzjoni ta' trapjant tal-fwied.

Barra dan {Isem ivvintat} m'għandux jingħata lil trabi tat-twelid b'età sa 4 ġimgħat.

F'pazjenti b'indeboliment moderat tal-kliwi ($GFR 30\text{--}59 \text{ ml/min/1.73 m}^2$) ir-riskju ta' żvilupp ta' NSF mhux magħruf, għalhekk, f'pazjenti b'indeboliment moderat tal-kliwi {Isem ivvintat} għandhu jintuża biss wara valutazzjoni b'attenzjoni tar-riskju u l-benefiċċju b'doża li ma taqbisx {x} mmol/kg

